MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 1900

Talba Numru. 1492/2005

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar Il-Hamis 19 ta' Ottubru 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru : 1492/05**

**Maltacom plc (C22334)**

**Vs**

**Delicatessen Products Limited (C6749) u skond digriet tas-6 ta' Gunju 2006 gie kjamat in kawza Timothy Ellul Sullivan (I.D. 564061M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Lulju 2005, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba` mija u tlieta u tletin Liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm433.58), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Ra d-dikjarazzjoni maghmula mill-Avukat Keith Grech ghas-socjeta` attrici fis-7 ta' Dicembru 2005 li permezz taghha informa lit-Tribunal illi "kien intlahaq ftehim mas-socjeta` konvenuta u li fix-xhur li gejjin kellhom isiru il-pagamenti relattivi";

Ra n-nota tas-socjeta` attrici tat-2 ta' Gunju 2006, li permezz taghha, l-istess socjeta` attrici rriduciet it-talba taghha ghal tliet mija u tlettax Liri Maltin u tmienja u hamsin cemtezmu (Lm313.58) stante pagament ta' mija u ghoxrin Liri Maltin (LM120) fil-mori tal-kawza;

Ra li fis-6 ta' Gunju 2006, it-Tribunal laqa` t-talba tas-socjeta` attrici sabiex jigi kjamat in kawza Timothy Ellul Sullivan, stante illi huwa assuma l-oneru in solidum mas-socjeta` konvenuta ghall-hlas tal-ammont kif mitlub skond l-kuntratt ghal pagamenti mensili mmarkat Dok A (fol 27 u 28);

Ra illi l-kjamat in kawza Timothy Ellul Sullivan kien debitament notifikat bit-talba u kif ukoll bkl-Avviz ghas-smiegh ghas-seduta tal-5 ta' Ottubru 2006, pero` msejjah tlett darbiet huwa naqas illi jidher quddiem it-Tribunal

sabiex jirrispondi ghat-talba illi saritlu u naqas ukoll illi jirrispondi fiz-zmien preskritt mill-ligi;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-kjamat in kawza iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, kemm is-socjeta` konvenuta, kif ukoll il-kjamat in kawza ma dehrux la fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-konfront sia tas-socjeta` konvenuta u kif ukoll tal-kjamat in kawza, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta u n-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tas-socjeta` konvenuta, it-Tribunal, b'ekwita` jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta u lill-kjamat in kawza, flimkien u in solidum bejniethom, sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet mija u tlettax Liri Maltin u tmienja u hamsin cemtezmu (Lm313.58), bl-ispejjez kollha u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------